MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Numru. 283/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**KONTRA**

**ALLAN MAGRO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Allan Magro ta' 26 sena, bin Carmel u Antonia nee' Fenech, mwieled nhar is- 26 ta' April 1984, residenti 23, Triq Monsinjur Alfred Mifsud, B' Kara u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 226384M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar id- 29 ta’ Gunju 2010 ghal habta tas-13.15hrs fil- Buskett limiti tal- palazz Verdala Rabat, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor billi ghamel hsara fuq vettura tal-marka Kia Shuma, bin- numru tar- registrazzjoni CBL 906, liema hsara tiskorri l- €116.47 ghad- dannu ta’ Timothy Jones minn San Pawl il- Bahar;

2) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku b’ ghajjat u glied;

3) Ukoll talli sar recidiv b’ sentenza tal- Qorti tal-Magistrati tas- 26 ta’ Gunju 2009 Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Silvio Meli (sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b’mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tisma’ l-kawza tieghu bi procedura sommarja, u ghalhekk din il-Qorti giet hekk ikkonvertita ghal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew

din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi kollha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

Dan huwa incident tipiku ta' "road rage", li sfortunatament qed ikun riskontrat ta' spiss fit-toroq taghna. Nhar id-29 ta' Gunju 2010, fl-inhawi tal-Buskett, Rabat, l-imputat kien qed isuq vettura u fl-istess waqt speci ta' jirmonka ziemel warajh, meta Timothy Jones ipprova jghaddi bil-vettura tieghu minn hdejn l-imputat. Ghal xi raguni, l-imputat qabzitlu c-cinga u hareg mil-vettura tieghu u ta bis-sieq lill-vettura ta' Jones, bil-konsegwenza li kkawza Danni lill-istess. Sa ma gew istitwiti l-proceduri, l-imputat ma kienx ghamel tajjeb ghall-hsara kkagunata minnu, izda lahaq hallas ghas-saldu lil Jones qabel ma nqrat din il-kawza. Di fatti, fis-seduta ta' llum, deher il-parti leza li ddikjara li kien ircieva l-hlas ghad-danni sofferti, u li ghalhekk ma kellu ebda pretensjoni ohra fil-konfront tal-imputat ghal dan l-istess incident. Huwa in vista ta' dan il-hlas li l-Qorti ser tkun miti mal-imputat, u mhux ghax tahseb li l-imputat ma jixraqlux piena aktar severa.

Il-Qorti rat il-fedina penali tieghu u, ghalkemm m'hix wahda refrettarja, assolutament m'hix wahda felici. L-aktar element ta' thassib ghall-Qorti hi fil-fatt is-sentenza ta' prigunerija sospiza, li – b'ironija jew xorti hazina – kienet inghatatlu ghal reat kwazi identiku, ta' "road rage" u reati ohra konnessi, li jirrisalu ghas-sena 2001. Huwa minnu li

dik is-sentenza inghatat f’ Gunju 2009, izda r-reat kien jirrisali ghal tmien snin qabel. Illum, din il-Qorti ma tarax li jkun gust mal-imputat li ddahhal fis-sehh sentenza ta’ prigunerija sospiza dwar incident li kien sehh kwazi ghaxar snin ilu. Ghalhekk, bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap 9, sejra testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ghal sentejn ohra. Kwantu ghar-reat odjern, l-imputat ser jinghata sanzjoni fil-komunita’ ai termini tal-Kap 446 bhala provvediment fil-konfront tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 325 (c), 338 (dd) u 28B, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Testendi l- perjodu operattiv tas- sentenza sospiza moghtija lill-imputat fis-26 ta’ Gunju 2009 b’ sentejn minn dik id-data, ghalhekk effettiva sas-26 ta’ Gunju 2013.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------